**520. Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, jipproponi:**

Illi, billi huwa provdut, fl-Artikolu 13 tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u speċifikament bis-subartikolu (4) tal-Artikolu 13 li 1-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern Ċentrali pendenti miżmum separatament fil-forma ta' self bilaterali huwa soġġett għal strument statutorju li jrid jiġi intavolat fil-Parlament u jiġi approvat b'riżoluzzjoni parlamentari;

Illi fl-20 ta' Lulju tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) kien ġie riżolut li 1-ammont li l-Gvern jista' jissellef permezz ta' self bilaterali mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet lokali u barranin ma jkunx aktar minn €350,000,000 (Tliet Mija u Ħamsin Miljun Euro);

Illi huwa espedjenti li l-ammont massimu li l-Gvern jista' jissellef permezz ta' self bilaterali mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet lokali u barranin għall-ħtiġijiet finanzjarji tal-Gvern sabiex jgħinu lill-ekonomija ta' Malta tirkupra minn sitwazzjonijiet straordinarji bħal dik tal-pandemija tal-COVID-19, sakemm l-ammont ta' dejn tal-Gvern Centrali fil-forma ta' self bilaterali jkun ta' mhux aktar minn €700,000,000 (Seba' Mitt Miljun Euro);

Illi issa għalhekk qed jiġi b'dan riżolut li l-ammont massimu ta' dejn tal-Gvern Ċentrali pendenti fil-forma ta' self bilaterali mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet lokali u barranin ikompli jiżdied għas-somma ta' mhux akar minn €700,000,000 (Seba' Mitt Miljun Euro).

03.05.2021